MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 29/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Rainer Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Rainer Grima talli fis-26 ta’ Novembru, 2002 ghall-habta ta’ 9.55pm, fl-Ex Runway, Hal-Far, saq vettura Nru. LCC-991 (1) b’manjiera bla kont (2) traskurata (3) perikoluza (4) saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni (5) u aktar b’nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti habat ma’ vettura Nru. IBD-387 u nvolontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-

persuna ta’ Alexander Borg skond kif iccertifika Dr Adam Bartolo mid-‘Dental Dept’ ta’ S.L.H.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Jannar, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Rainer Grima hati u kkundannatu ghal multa ta’ mitt liri Maltin (Lm100) u ordnat li l-imputat ma jiksibx licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ tliet xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Rainer Grima minnu prezentat fit-3 ta’ Frar, 2004 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza msemmija u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi limitatament dwar l-ewwel aggravju;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant ighid li ghalkemm l-ewwel Qorti ddikjarat fis-sentenza taghha li huwa kien ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, dan ma kienx il-kaz u probabilment dan kien kollu il-frott ta' xi inkomprensjoni bejn il-Qorti u l-appellant. Fil-fatt, ikompli jissottometti l-appellant, huwa kien diga` wiegeb li ma kienx hati ta' dawk l-istess imputazzjonijiet f'seduta precedenti meta kien debitament assistit.

Minn ezami ta' l-atti tal-process jirrizulta li fl-4 ta' Novembru 2003 l-appellant (allura imputat) deher izda d-difensur tieghu Dr. David Harding debitament imsejjah ma deherx. L-appellant informa lill-Qorti li xtaq ikun assistit minn avukat. Korrettement l-ewwel Qorti hadet il-passi necessarji biex l-appellant ikun debitament assistit billi nnominat lill-Avukat Dottor Roberto Montalto u taghtu zmien biex jikkonsulta ma' l-appellant. Huwa opportun li jigi riprodott ezatt dak li gara wara skond il-verbal ta' l-4 ta' Novembru 2003:

"Meta regghet issejhet il-kawza rega' deher l-Ufficjal Prosekutur;

Rega' deher l-imputat assistit minn Dr. Roberto Montalto;

Deher ukoll il-parte civile assistit minn Dr. Zammit McKeon;

Xehdu bil-gurament: (1) PS 1312 Hadrian Sultana;
(2) Dr. Adam Bartolo li pprezenta dokument
immarkat Dok AB1;

Fuq talba tal-parte civile biex il-prosekuzzjoni tkun f'posizzjoni tipprezenta l-iskizz jitlob illi l-procedura tigi sospiza biex ix-xhieda tal-prosekuzzjoni tkun f'posizzjoni taghmel dan;

Il-Qorti tilqa' t-talba;

Il-kawza giet differita ghall-23 ta' Jannar, 2004."

Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2004, pero`, kuntrarjament ghal dak li kien gie dikjarat bhala l-iskop tad-differiment fis-seduta precedenti, gie verbalizzat hekk:

"Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur;

Deher l-imputat;

Deher il-parte civile assistit minn Dr. Joseph Zammit McKeon;

Inqrat l-akkuza;

L-imputat jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Inghatat sentenza."

Meta xehed quddiem din il-Qorti, l-appellant spjega li wara l-ewwel seduta meta kien gie nominat l-Avukat Dottor Roberto Montalto biex jippatrocinah, huwa kien mar ikellem lill-Avukat Dottor Jose` Herrera u ghalhekk ghas-seduta tat-23 ta' Jannar 2004 qaghad jistennieh barra l-awla. Meta ssejjah, huwa dahal fl-awla filwaqt li bdew jghajtu lil Dottor Herrera li baqa' ma tfaccax. Xehed li fl-awla beda jkellmu l-Magistrat sedenti izda ma bediex jifhem x'qieghed jghidlu u haseb li qed jghidlu minhabba l-avukat. Huwa qallu iva minghajr ma rrejalizza li kien qieghed jammetti l-imputazzjonijiet dedotti. Fil-fatt irrejalizza biss wara li hareg mill-awla u attiralu l-attenzjoni wiehed mill-ufficjali tal-Qorti.

Tajjeb hawn li ssir riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri** moghtija fl-20 ta' Jannar 1995 (Vol. LXXIX.v.1538):

**"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs George Cassar Desain* (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx feem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat. Aktar recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Mohnani*, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu**

**stat fil-konfront tal-partijiet almenu *prima facie* sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. Dan qed jinghad biex hadd ma jifforma l-idea zbaljata li wiehed jista' l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal x'hiex qed jammetti."**

Fil-kaz odjern din il-Qorti hi soddisfatta li l-ammissjoni registrata fit-23 ta' Jannar 2004 kienet verament frott ta' zball genwin da parti ta' l-appellant fis-sens li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jammetti. Difatti il-kawza kienet giet differita ghal dik is-seduta specifikatament biex jitkomplew il-provi tal-prosekuzzjoni u kien sahansitra nkariga avukat biex jippatrocinah. Irid jinghad ukoll li, stranament, ghalkemm l-imputazzjonijiet kienu diga` nqrawlu fis-seduta ta' l-4 ta' Novembru 2003 u wiegeb li mhuwiex hati, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2004 (kif jirrizulta mill-verbal stess) l-imputazzjonijiet regghu inqrawlu. Jigifieri hawn ghandna sitwazzjoni ta' persuna li dahlet fl-awla biex titkompla l-kawza u minflok rega' beda l-process bil-qari ta' l-imputazzjonijiet daqslikieku ma kien sar xejn fis-seduta ta' l-4 ta' Novembru 2003. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li, billi jidher li l-element ta' volontarjeta` fl-ammissjoni ta' l-appellant kien xi ftit jew wisq nieqes, jew almenu ma kienx univoku kif forsi seta' jinftiehem dak il-hin jew mill-ufficjal prosekutur jew mill-ewwel Qorti, l-ewwel aggravju ta' l-appellant ghandu jigi milqugh.

Jidher ghalhekk li din il-Qorti ghandha tannulla s-sentenza appellata minhabba difett serju fil-proceduri li wasslu biex l-ewwel Qorti ddikjarat u fehmet li l-appellant kien ammetta meta dan ma kienx il-kaz u liema difett seta' kien il-bazi ta' l-istess sentenza.
Pero`, sabiex din il-Qorti ma tipprivax lill-appellant mill-beneficcju tad-doppju ezami, mhuwiex il-kaz li tisma' u tiddeciedi l-kawza hi mill-gdid izda sejra tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tisma' l-provi u tiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tannulla s-sentenza appellata bbazata fuq ammissjoni, tiddikjara li ma ghandux jibqa' registrat fl-atti tal-process li l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------